**QORTI ĊIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**IMĦALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel., Mag. Jur. (Eur. Law)**

**Illum, 15 t'Ottubru 2024**

Rikors Numru: 332/24 AL

A (A) B

vs

C B

(M.R. Numru 171/1988)

Il-Qorti;

Rat ir-rikors tar-rikorrenti li permezz tiegħu espona:

1. Illi l-partijiet izzewgu nhar l-ghoxrin ta' Frar tas-sena elf disgha mija u tmienja u tmenin (20/02/1988) certifikat hawn anness u mmarkat bhala Dok. A;

2. Illi minn dan iz-zwieg twieldu zewg ulied D u E illum maggorenni;

3. Illi huma sseparaw permezz ta' kuntratt ta' separazzjoni pubblikat nhar is-sitta ta' Lulju tas-sena elfejn u ghoxrin (06/07/2020), fl-Atti tan-Nutar Dottor Tania Farrugia liema kuntratt hu anness u mmarkat bhala Dok. B;

4. Illi l-partijiet irrinunzjaw mid-dritt li jitolbu manteniment jew jircievu l-manteniment minghand xulxin skont il-ligi;

5. ILLI ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ghal rikonciljazzjoni bejn il kontendenti stante illi illum ighixu haija kompletament separata minn xulxin;

6. ILLI dawn il-fatti iinkwadraw ruhhom u jissodisfaw il-kondizzioni iet u kriteri kontemplati fl-Artikolu 66B tal-Kodici Civili, Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta, sabiex il-partijiet jiksbu d-divorzju;

7. ILLI r-rikorrent jaf b'dawn il-fatti personalment ara Affidavit tar-rikorrent hawn anness u mmarkat Dok. C;

Talab lill-intimata tghid ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex:

1. Tippronunzja l-hall taz-zwieg bejn il-partijiet ai terminu tal-artikolu 66B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

2. Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex fi zmien li l-istess Qorti joghgobha timponi huwa jinforma lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bil-hall taz-zwieg tal-partijiet sabiex huwa jirregistra l-istess;

U dana taht kull provvediment iehor li l-istess Qorti jidhrilha li hu xieraq u opportun.

Rat id-dokumenti li ġew esebiti;

Rat l-affidavit bix-xiehda tar-rikorrenti;

Rat id-digriet taghha tad-9 t’Awwissu, 2024;

Rat illi l-intimata preżenti fl-awla u fuq domanda tal-qorti wieġbet li m’ghandha l-ebda oġġezzjoni li jintlaqgħu t-talbiet kontenuti fir-rikors promotur;

Rat l-Artikolu 66 B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat :

Illi il-Qorti rat illi ir-rikorrenti irnexxielu jissodisfa ir-rekwiziti kollha meħtieġa mill-Liġi sabiex żwieġ jiġi maħlul u dana peress illi ipprova illi l-partijiet ilhom legalment separati mis-sitta ta' Lulju tas-sena elfejn u ghoxrin (06/07/2020).

Illi l-Qorti rat illi r-rikorrenti ipprova ukoll illi ma hemm l-ebda prospett raġonevoli ta’ rikonċiljazzjoni bejn il-partijiet u illi ma hemm l-ebda pendenzi fir-rigward ta’ ħlas ta’ manteniment;

Għaldaqstant, u għar-raġunijiet fuq imsemmija, il-Qorti filwaqt illi tilqa’ t-talbiet, tippronunzja il-ħall taż-żwieġ bejn il-partijiet u tordna lir-Reġistratur tal-Qrati sabiex, fi żmien għaxart ijiem minn meta s-sentenza ssir *res judicata*, javża lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jiġi reġistrat fir-Reġistru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez jibqgħu bla taxxa bejn il-partijiet.

Il-Qorti qegħda takkorċja t-terminu tal-appell għal erbat ijiem.